# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-4 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 81/2022 JPG**

**Kawza Numru : 7**

**RBB**

**Vs**

**SB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RBB datat 9 ta' Frar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fl-ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u tlettax (20/04/2013), mill-liema zwieg huma kellhom minuri bl-isem ta' EBB (ara ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok A**);*

2. *Illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat erbgha u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (24/08/2021), liema att gie amendat permezz ta' kuntratt iehor datat dsatax ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (19/01/2022) (Ara kuntratti hawn annessi u mmarkati bhala **Dok B**);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom separati de facto sa minn Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi l-esponenti tiddikjara illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet. Illi l-partijiet reċiprokament iddekadew għad-dritt tagħhom li jirċievu l-manteniment u dan a bażi tal-artikolu sitta (6) tal-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom. Illi in kwantu għall-ulied, skont l-istess kuntratt, il-konvenut qed iħallas is-somma ta' tlett mitt ewro (€300) manteniment għall-bintu minuri, u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti (ara Affidavit hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok C);***

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirregistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.*

*U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SB datata 14 ta' Marzu 2022, a fol 19 et seqq., li taqra hekk:

> *Illi l-esponent jikkonferma l-fatti kif esposti mir-rikorrenti u jiddikjara li huwa ma għandux oġġezzjoni għad-divorzju stante li m'hemmx pendenzi ta' manteniment u ta' spejjeż u ma hemmx prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet; (anness affidavit tal-esponent dok SB1)*
>
> *Għaldaqstant l-esponent ma jopponiex għat-talbiet tar-rikorrenti li jiġi ippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u li l-istess deċizjoni tiġi registrata mad-Direttur.*

*tar-Registru Pubbliku.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' SB datata 14 ta' Marzu 2022;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RBB xehdet** (vide affidavit, fol 16) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-20 ta' April 2013 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minuri. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat nhar il-24 ta' Awwissu 2021 liema kuntratt gie emendat fid-19 ta' Jannar 2022 minhabba zbalji teknici. Il-kontendenti iddikjaraw illi kienu ilhom jghixu separatament sa minn Jannar 2019 meta l-attrici stess telqet mid-dar bit-tifla. Iddikjarat illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom u lanqas ma hemm manteniment dovut bejn il-partijiet.

**SB xehed** (vide affidavit fol 20) u kkonferma u kkorrabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

***flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirriulta sodisfacentement pprovat illi il-kontendenti kienu zzewgu nhar l-20 ta' April 2013, liema zwieg igib c-certifikat numru 12/2013 (Vide certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli nhar l-24 ta' Awwissu 2021 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 4 et seqq.) Di piu' jirrizulta li l-kontendenti kienu ilhom jghixu separate de facto sa minn Jannar 2019. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu' jirrizulta li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 12/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**